MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 272/2009

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Cole Foods Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u sebghin Euro u disgha u sittin centezmu (€473.69), liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skont *Client Contract Number* 22852 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Jannar, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru, ipprezentat kontestwalment ma’ dana l-Att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta’ konvenuta, minkejja li kienet giet debitament notifikata, baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Sammut, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont ta’ erba’ mija u tlieta u sebghin Euro u disgha u sittin centezmu (€473.69), somma rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lil Mobisle Communications Limited skont *Client Contract Number* 22852 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------